VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,277, 9 ta' Lulju, 2014
Taqsima B

A.L. 243 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

L-Istatut biex jemenda l-Istatut 3 (Emenda Nru. 16) tal-Università ta' Malta – Korsijiet ta' Studji, Gradi u Distinzjonijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill tal-Università ta' Malta bis-saħħa mogħtija lilu bl-artikoli 72, 75(1), 77(d) u 136(3) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut biex jemenda l-Istatut 3 (Emenda Nru 16) tal-Università ta' Malta – Korsijiet ta' Studji, Gradi u Distinzjonijiet - u għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Istatuti tal-Università ta' Malta mdaħħla fl-Iskeda II tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap.327), li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "l-istatut prinċipali".

L-Emenda għall-istatut 3.2 tal-istatut prinċipali

2. Għall-istatut 3.2 tal-istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3.2 Provvedimenti għall-Għoti ta' Grad flimkien jew Doppju ma' Università jew ma' Istituzzjoni tal-Edukazzjoni Oħla oħra.

1. Fejn l-Università, bl-approvazzjoni tas-Senat, tagħmel ftehim ma' universitajiet jew istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oħla oħra li skont il-provvedimenti tal-leġizlazzjoni nazzjonali tagħhom huma għandhom is-setgħa (minn hawn il quddiem imsejħa bħala istituzzjonijiet) biex jagħtu grad flimkien jew grad doppju, meta r-rekwiżt meħtieġ biex wieħed jikkwalifika għall-grad jista' jinkiseb jew parzjalment fl-Università u parzjalment fl-università/jiet/istituzzjoni/ijiet oħra, jew kompletament f'waħda mill-universitajiet jew istituzzjonijiet imsieħba skont kif provdut fi ftehim bħal dan.

2. Il-grad jista' jingħata:

(a) fil-każ ta' grad mogħti flimkien, f'ċertifikat wieħed mill-universitajiet/istituzzjonijiet kollha flimkien u għandu jingħata f'waħda mill-universitajiet/istituzzjonijiet imsieħba kif miftiehem bejniethom; jew

(b) fil-każ ta' grad doppju, separatement minn kull waħda miż-ewġ universitajiet imsieħba.

3. Il-programm ta' studju, inkluż il-katalagu ta' taqsimiet studju, għall-grad li ser jingħata flimkien jew għall-grad doppju għandu jkun approvat mill-Università u kif meħtieġ mill-universitajiet/istituzzjonijiet imsieħba l-oħra.

4. Il-Bordijiet tal-Eżaminaturi u l-Bordijiet għall-Klassifikazzjoni tal-Grad għandhom jitwaqqfu skont id-deċiżjonijiet meħuda mill-entitajiet kompetenti tal-universitajiet/istituzzjonijiet imsieħba u kif stipulat fil-ftehim bejniethom.

5. L-istudenti jistgħu jirreġistraw għal grad mogħti flimkien jew għal grad doppju jekk ikunu aċċettati mill-universitajiet/istituzzjonijiet imsieħba skont ir-regolamenti għad-dħul ta' kull waħda mill-universitatjiet/istituzzjonijiet skont il-provvedimenti dwar ir-reġistrazzjoni fil-programm għall-grad kif speċifikat fil-ftehim bejn l-universitajiet.

6. Il-Kunsill jista' japprova li d-dispożizzjonijiet ta' xi statut ma jkunux applikati fil-każ ta' grad flimkien jew grad doppju, kull meta d-dispożizzjonijiet fuq dan l-istess suġġett imsemmija jkunu fir-regolemnti jew fl-ordinamenti tal-kors li jwassal għall-grad flimkien jew grad doppju.

7. Is-Senat jistgħa japprova li d-dispożizzjonijiet ta' xi regolament ma jkunux applikati fil-każ ta' grad flimkien jew grad doppju, kull meta d-dispożizzjonijiet fuq dan l-istess suġġett imsemmija jkunu inklużi fir-regolamenti jew fl-ordinamenti tal-kors li jwassal għall-grad flimkien jew grad doppju.

8. Il-ftehim għall-għoti ta' grad flimkien jew grad doppju mill-Università u l-universitajiet/istituzzjonijiet l-oħra jista' jipprovdi li ċ-ċertifikat jinkludi t-titlu ekwivalenti, kif normalment mogħti mill-universitajiet/istituzzjonijiet l-oħra, barra mit-titlu tal-grad tal-Università. Fil-każ tal-għoti ta' grad doppju, għandha ssir dikjarazzjoni għal dan il-għan fuq iċ-ċertifikat."